MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2011

Rikors Numru. 62/2011

**Paschalino Cefai**

**vs**

**L-Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li pprezenta r-rikorrent fit-28 ta’ Settembru 2011, li jaqra hekk:

Illi r-rikorrent tressaq taht arrest fit-3 ta’ Marzu tas-sena 2011 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti istruttorja akkuzat b’reati konnessi mad-droga. F’dik is-seduta, ir-rikorrent ma talabx ghall-helsien mill-arrest.

Illi fit-18 ta’ April 2011, ir-rikorrent ipprezenta rikors quddiem il-Qorti tal-Magistrati fejn talab ghall-helsien mill-arrest. Fit-3 ta’ Mejju 2011, il-Qorti cahdet it-talba tieghu minhabba possibilita’ ta’ intralcjar fil-provi tal-prosekuzzjoni u minhabba l-fedina penali tar-rikorrent.

Illi fis-6 ta’ Gunju 2011, ir-rikorrent rega’ pprezenta rikors quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Fl-24 ta’ Gunju 2011, il-Qorti, wara li ghamlet referenza ghar-risposta tal-Avukat Generali, ghal darb’ohra cahdet it-talba. Effettivament, l-Avukat Generali kien oggezzjona minhabba l-gravita’ tar-reati u l-periklu li jahrab minn dawn il-Gzejjer in vista tan-natura tax-xoghol tieghu (sic!).

Illi fit-30 ta’ Gunju 2011, ir-rikorrent ipprezenta rikors quddiem il-Qorti Kriminali biex jibbenefika mill-helsien mill-arrest. Fl-4 ta’ Lulju 2011, il-Qorti cahdet it-talba minhabba l-fedina penali refrattarja tieghu u l-periklu ta’ ripetizzjoni ta’ reati.

Illi fit-28 ta’ Lulju 2011, ir-rikorrent rega’ pprezenta rikors quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Fis-seduta tad-29 ta’ Lulju 2011, il-prosekuzzjoni ghamlet dikjarazzjoni, liema dikjarazzjoni giet anke verbalizzata, li ma kienx ghad fadal xhieda pajzana x’jixhdu fil-kaz. Fl-1 ta’ Awissu 2011, il-Qorti, wara li osservat li kienet widdbet lill-familjari tar-rikorrent dwar intralcjar fil-provi (sic!) u peress li ma kien tbiddel xejn fil-proceduri mid-digriet precedenti (sic!), regghet cahdet it-talba.

Illi fl-4 ta’ Awissu 2011, il-ko-imputat tar-rikorrent George Frendo inghata l-helsien mill-arrest mill-Qorti Kriminali.

Illi fil-5 ta’ Awissu 2011, ir-rikorrent ipprezenta rikors quddiem il-Qorti Kriminali fejn talab ghall-helsien mill-arrest. Fil-11 ta’ Awissu 2011, il-Qorti Kriminali, wara li osservat li r-rikorrent ma jaghtix affidament bil-konsegwenza ta’ biza’ reali li jikkommetti reat iehor, cahdet it-talba tieghu.

Illi b’digriet tal-25 ta’ Awissu 2011, il-Qorti Kriminali regghet cahdet talba ohra ghall-helsien mill-arrest, din id-

darba minhabba li r-rikorrent ghandu kuntatti ma' persuni esteri peress li wahda mill-akkuzi hija proprju dwar assocjazzjoni biex tkun importata d-droga.

Illi l-Qorti tal-Magistrati, b'digriet tas-16 ta' Settembru 2011, cahdet talba ohra tar-rikorrent peress li kienet preokkupata bil-fatt li f'seduti precedenti kellha twiddeb anke lill-familjari tar-rikorrent (sic!).

Illi fit-23 ta' Settembru 2011, il-Qorti Kriminali ghal darb'ohra cahdet it-talba tar-rikorrent wara li osservat li r-rikors tieghu tal-20 ta' Settembru 2011 kien wiehed minn sensiela ta' rikorsi li kien qed jintavola quddiemha kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Magistrati meta ma kien qed jinbidel xejn fic-cirkostanzi minn rikors ghall-iehor. Ic-cahda giet ukoll ibbazata fuq in-natura u l-gravita' tar-reat, il-karattru u r-rabtiet tar-rikorrent.

Illi jinghad bl-akbar rispett li mill-fatti premessi jirrizultaw zewg fatturi. Fl-ewwel lok, jirrizulta lampanti, in-nuqqas ta' koerenza fir-ragunijiet moghtija mill-Qrati sabiex jiggustifikaw cahda wara l-ohra u fit-tieni lok tirrizulta l-irritazzjoni tal-Qorti Kriminali bl-ikkargar fid-doza tar-ragunijiet sabiex tigi gustifikata t-tajba reiterata u sagrosanta tar-rikorrent. Effettivament, il-Qorti Kriminali, bid-digriet taghha tat-23 ta' Settembru 2011, qed tibghat messagg inkonfutabbli li r-rikorrent m'ghandux jibqa' jitlob dan il-beneficcju ghaliex ic-cirkostanzi li qed iwassluha biex tichad it-talbiet tieghu ma humiex ser jinbiddlu. Bilkemm hemm ghalfejn jinghad li dan it-tip ta' ragunament imur kontra l-ispirtu tal-istitut tal-helsien mill-arrest kif ukoll kontra l-principji sanciti bl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Illi r-rikorrent huwa persuna mizzewweg mara Maltija u ghandu zewgt itfal zghar. Ir-rikorrent ghandu diversi proprjetajiet Malta u Ghawdex u r-rabtiet kollha tieghu huma ma' dawn il-Gzejjer. Di piu' hu m'ghandu ebda rabtiet barra minn Malta u l-allegazzjonijiet f'dan is-sens tal-Avukat Generali huma semplicement intizi sabiex jizvijaw lill-Qorti tal-Magistrati u lill-Qorti Kriminali. Effettivament, ghandu jinghad li tali intenzjoni malizjuza

lahqet ukoll l-iskop taghha kif jirrizulta minn diversi digrieti tal-Qrati. Dan qed jinghad peress li l-prosekuzzjoni ma ghandha ebda prova li l-esponent, fl-eventwalita' li jinghata l-helsien mill-arrest, ser jahrab jew jabskondi minn dawn il-Gzejjer. Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet ***John sive Jan Leone Ganado v. Onor. Prim Ministru et*** *(21.05.1992)*, inghad hekk:

"Il-prezunzjoni hi allura favur il-liberta' provizorja u r-rikorrent m'ghandux ghalfejn jipprova xejn aktar, ghajr il-fatt li jinsab arrestat u mcahhad minn din il-liberta' u li talab li jigi moghti l-liberta' provizorja, u li din giet lilu michuda. ... Jispetta allura lill-intimati li jipprovaw sodisfacentement, b'mod li jwasslu lill-Qorti ghall-konvinciment morali, motivat u fondat, illi jirrikorru fil-kaz in ezami, cirkostanzi gravi li jiggustifikaw ic-cahda tal-liberta' provizorja. L-oneru tal-prova hu ghalhekk kollu kemm hu mixhut – u dan b'mod l-aktar pezanti – fuq l-intimata."

Illi huwa proprju ghalhekk li l-Qorti tal-Magistrati u principalment il-Qorti Kriminali kienu zbaljati meta strahu, f'okkazzjoni wahda anke esklussivament, fuq l-ipotezijiet infondati tal-Avukat Generali.

Illi, kif gja' gie spjegat, il-prosekuzzjoni ddikjarat li kienet ghalqet il-provi taghha ghal dak li jirrigwarda xhieda pajzana u ghalhekk il-periklu ta' intralc fir-retta amministrazzjoni tal-gustizzja ma huwiex wiehed reali u del resto lanqas ma huwa jissemma' mill-prosekuzzjoni jew mill-Qorti.

Illi kemm il-Qorti tal-Magistrati kif ukoll il-Qorti Kriminali ghamlu ampja referenza ghall-karattru refrattarju tar-rikorrent. Jirrizulta mill-fedina penali tieghu li r-rikorrent qatt ma kellu kundanni relatati mad-droga izda kellu xi dizgwidi ma' xi ufficjali pubblici. Din tidher li wahda mir-ragunijiet principali ghall-arrest prolungat tieghu. Jinghad bl-akbar rispett li din ir-raguni wahedha ma tista' qatt tiggustifika l-arrest prolungat tar-rikorrent. Lanqas ma hija din ir-raguni wahda minn dawk stabbiliti u rikonoxxuti mill-Qorti ta' Strasbourg u l-fedina penali tieghu qed tintuza

biss bhala skuza mill-Qrati sabiex, fin-nuqqas ta' ragunijiet oggettivament validi ghac-cahda tal-helsien mill-arrest, ir-rikorrent jibqa' arrestat.

Illi fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2011, ir-rikorrent, tramite d-difensur tieghu, talab lill-Qorti Kriminali sabiex f'kaz li terga' tichad it-talba tieghu, tispjega fid-digriet taghha, ir-raguni ghad-diskriminazzjoni li kienet qed issir bejnu u bejn il-ko-imputat George Frendo kif ukoll il-gustifikazzjoni tac-cahda fid-dawl tal-insenjament tal-Qorti ta' Strasbourg li ghalih ser isir accenn iktar 'il quddiem. Bilkemm hemm ghalfejn jinghad li t-talba tieghu giet kompletament injorata u swiet biss ghall-ikkargar tad-doza tal-Qorti b'ragunijiet li qatt qabel ma kienu ssemmew. Kien ikun hafna iktar utili ghas-serhan tal-mohh tar-rikorrent li kieku l-isforzi tal-Qorti intuzaw sabiex ic-cahda taghha tigi inkwadrata fid-dawl tal-insenjament tal-Qorti ta' Strasbourg. Naturalment, it-talba ghall-gustifikazzjoni dwar id-diskriminazzjoni kienet tirrazentar-retorika in kwantu huwa ferm difficli li tiggustifika trattament favorevoli lill-persuna li c-cirkostanzi taghha huma, fl-ahjar ipotesi ghaliha, simili ghal dawk tar-rikorrent.

Illi fis-sentenza recenti tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet ***Jovica Kolakovic v. Avukat Generali*** *(14.02.2011)*, il-Qorti ghamlet rassenja ta' gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg u, a bazi taghha, waslet ghall-konkluzjoni li kien gie lez l-Artikolu 5(3) u (4) tal-Konvenzjoni Ewropea. Dawn l-insenjamenti jistghu jigu sintetizzati hekk:

"[W]ith the passage of time, the initial grounds for pre-trial detention become less and less relevant and the domestic courts should rely on the other 'relevant' and 'sufficient' grounds to justify the deprivation of liberty" (***Labita v. Italy*** *[ECHR 06.04.2000]*).

"[E]ven if due to the particular circumstances of the case, detention is extended beyond the period generally accepted under the Court's care, particularly strong reasons would be required to justify this (for instance, grave acts of terrorism or wide-spread carnage" (***Chraidi v. Germany*** *[ECHR 26.10.2006]*).

"[T]he gravity of the charges cannot by itself serve to justify long periods of detention" (***Panchenko v. Russia*** *[ECHR 08.02.2005]* and ***Goral v. Poland*** *[ECHR 30.10.2003]*). Hawnhekk il-Qorti osservat ukoll li dan japplika multo magis galadarba l-ko-akkuzat kien inghata l-helsien mill-arrest.

"Care must be had not to impose on any applicant for release on bail the burden of having to establish the grounds for his release, as this would be tantamount to overturning the purpose of Article 5(3) which makes detention an exceptional departure from the right to liberty" (***Iljikov v. Bulgaria*** *[ECHR 26.07.2001]*).

"[I]t is hard to conceive that in a small island like Malta, where we escape by sea without endangering one's life is unlikely and fleeing by air is subject to strict control, the authorities could not have at their disposal measures other than the applicant's protracted detention." (***Louled Massoud v. Malta*** *[ECHR 27.07.2010]*). Hawnhekk, il-Qorti Kostituzzjonali kompliet hekk:

"Nor should the authorities' inability to adequately monitor movements into and out of Malta be shifted as a burden of denial of release from detention on a person accused of an offence, particularly if such a person is of foreign nationality."

Illi fid-dawl tal-premess jidher car li l-arrest prolungat tar-rikorrent huwa in vjolazzjoni tad-dritt tieghu sancit fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Talab ir-rikorrent jghid lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara li bl-arrest tar-rikorrent fil-proceduri fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Paschalino Cefai et" gie lez id-dritt tieghu sancit fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

Taghti dawk id-direttivi kollha sabiex jigi sancit id-dritt tieghu kif protett mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea

ghad-Drittijiet tal-Bniedem, inkluz dak li tordna r-rilaxx immedjat tieghu mill-arrest.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat.

Rat ir-risposta tal-intimat, li in forza taghha eccepixxa illi:

L-esponent jissottometti li l-lanjanzi avvanzjati mir-rikorrent m'ghandhomx fondament guridiku fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u dan ghas-segwenti motivi:

**(I) <u>FATTI</u>**

Ir-rikorrent ghaddej kumpilazzjoni u tressaq fil-qosor fuq is-segwenti akkuzi:

i. Assocjazzjoni sabiex ibiegh jew jittraffika f'dawn il-Gzejjer id-droga *kokaina*;

ii. Assocjazzjoni sabiex jimporta jew igieghel li tidhol il-*kokaina* f'Malta;

iii. Assocjazzjoni sabiex ibiegh jew jittraffika f'dawn il-Gzejjer pjanta tal-*cannabis*;

iv. Assocjazzjoni sabiex jimporta, jew gieghel li tigi importata l-pjanta tal-*cannabis*;

v. Kellu fil-pussess tieghu, ir-raza mehuda mill-pjanta u l-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet minnha, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

vi. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga *eroina*;

Jirrizulta ukoll li l-Qorti istruttorja kienet mitluba li tittratta lir-rikorrent bhala wiehed li sar recediv b'diversi sentenzi tal-Qrati tal-Magistrati kif ukoll li kiser kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qrati tal-Magistrati b'sentenzi moghtija fl-14 ta' April 2008 u d-9 ta' Frar 2009.

Ir-rikorrent intavola diversi rikorsi kemm quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja kif ukoll quddiem il-Qorti Kriminali (diversament presjeduta) sabiex jinghatalu l-helsien mill-arrest, pero' jirrizulta li r-rikorrent ma rnexxielux jissodisfa lill-Qrati koncernati li kien intitolat ghall-harsien mill-arrest ai termini tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 575 tal-Kap. 9 u ghalhekk it-talbiet tieghu kollha gew michuda.

Jirrizulta li r-rikorrent intavola s-segwenti rikorsi fejn talab lill-Qorti sabiex jinghata l-helsien mill-arrest fis-segwenti dati:

i. Fit-18 ta' April 2011 quddiem il-Qorti Istruttorja;

ii. Fis-6 ta' Gunju 2011 quddiem il-Qorti Istruttorja;

iii. Fit-30 ta' Gunju 2011 quddiem il-Qorti Kriminali;

iv. Fit-28 ta' Lulju 2011 quddiem il-Qorti Istruttorja;

v. Fid-19 ta' Awissu 2011 quddiem il-Qorti Kriminali;

vi. Fit-12 ta' Settembru 2011 quddiem il-Qorti Istruttorja;

vii. Fl-20 ta' Settembru 2011 quddiem il-Qorti Kriminali.

**(II) <u>Kwantu ghall-allegat ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea bl-istat ta' arrest tar-rikorrent</u>**

L-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem jikkoncerna l-istat ta' arrest illegali li, a kuntrarju ta' dak li qed jigi allegat mir-rikorrent, ma jirrizultax mill-atti processwali tal-kaz in kwistjoni stante li l-istess Artikolu 5 jaghmel car ic-cirkostanzi li fihom l-arrest ta' persuna huwa legalment gustifikat. Fil-fatt, il-paragrafu (c) jistipula:

"*1(c) L-arrest jew detenzjoni skond il-ligi ta' persuna effettwata sabiex tigi migjuba quddiem l-awtorita' legali kompetenti fuq suspett ragjonevoli li tkun ikkommettiet reat jew meta jkun meqjus ragjonevolment mehtieg biex*

*jigi evitat li tikkommetti reat jew li tahrab wara li tkun ghamlet reat.*"

Il-kwistjoni jekk l-arrest tar-rikorrent huwiex legali o meno tifforma l-mertu tar-rikors odjern. Illi m'hemmx dubju li r-rikorrent hu akkuzat b'reati serji li jekk jinstab hati l-piena zgur li teccedi l-ghaxar snin u ghalhekk tali reati addebitati lir-rikorrent huma gravi u ta' importanza serja hafna. Illi fic-cirkostanzi odjerni, tenut kont tal-assjem tal-fatti ta' dan il-kaz, il-Qrati kompetenti diversament presjeduti fl-istadji opportuni tal-kumpilazzjoni, f'seba' okkazzjonijiet diversi deherilhom li r-rikorrent ma kienx idoneu sabiex jissodisfa l-kundizzjonijiet ghall-harsien mill-arrest kif stipulati fl-Artikolu 575 tal-Kap. 9, u ghalhekk ma hemm xejn li jivvjola d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent f'dan il-fatt. Dan specjalment meta wiehed iqis il-gravita' tal-akkuzi, l-incentiv illi din iggib maghha biex ir-rikorrent ma jidhirx ghall-process, u l-fedina penali xejn rakkomandabbli tar-rikorrent b'elenku twil ta' offizi ta' vjolenza kontra Membri tal-Korp tal-Pulizija. Ghandu jinghad ukoll li l-fatt li r-rikorrent qed jinzamm taht arrest ma jikkostitwix ksur awtomatiku tad-dritt tieghu ghall-process fi zmien ragjonevoli u dan specjalment meta wiehed iqis il-gravita' tar-reati li r-rikorrent huwa akkuzat bihom.

Mill-fatti in ezami, jirrizulta car mill-atti processwali li fil-kaz ta' kull talba lill-Qorti ghall-helsien mill-arrest, il-Prosekuzzjoni ipprezentat risposta bil-miktub u addirittura ttrattaw ir-rikorsi rispettivi ghat-talbiet ghall-helsien mill-arrest u l-Qrati kompetenti taw id-digrieti rispettivi taghhom flimkien mar-ragunijiet ghaliex irrifjutaw li jaghtu lir-rikorrent il-beneficcju ghall-helsien mill-arrest u dan in ottemperanza mal-procedura stipulata fl-Artikolu 575 tal-Kap. 9.

Illi l-ligi tipprovdi fl-Artikolu 575 tal-Kap. 9 li:

"*Il-Qorti tista' taghti helsien mill-arrest, biss jekk, wara li tikkunsidra ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, in-natura u l-gravita' tar-reat, il-karattru, antecedenti, assocjazzjonijiet u rabtiet fil-komunita' tal-imputat, kif ukoll kull haga ohra li*

*tkun tidher li hi rilevanti, tkun sodisfatta illi ma hemmx perikolu illi l-imputat jekk jigi mehlus mill-arrest –*

a. *Jonqos li jidher ghall-ordni tal-awtorita' msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija; jew*

b. *Jinheba jew jitlaq minn Malta; jew*

c. *Ma josservax xi kondizzjoni li l-qorti jkun jidhrilha xieraq li timponi fid-digriet taghha li bih jinghata l-helsien; jew*

d. *Jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'xi mod iehor jintralcja l-kors tal-gustizzja fir-rigward tieghu jew xi persuna ohra; jew*

e. *Jikkommetti xi reat iehor.*"

Ghalhekk, il-kriterji a bazi ta' liema Qorti kompetenti ghandha tikkunsidra u tiddeciedi ghandhiex tilqa' jew tichad talba ghall-helsien mill-arrest huma ben definiti fl-imsemmi Artikolu 575. Fil-fatt, minghajr pregudizzju ghall-fatt li l-ghoti tal-helsien mill-arrest huwa meqjus bhala dritt ta' min qed jitlobha, jekk imputat jew akkuzat jirnexxielux jissodisfa lill-Qorti koncernata li c-cirkostanzi tieghu mhux se jippregudikaw l-andament tal-gustizzja jew mhux ser iwasslu ghal **xi wahda** mill-konsegwenzi elenkati fl-artikolu 575 kif hawn fuq ikkwotat jiddetermina jekk il-gudikant finalment jilqax o meno tali talba ghall-helsien mill-arrest.

Mill-banda l-ohra, l-esponent jirrileva li l-ghoti tal-helsien mill-arrest jinghata rrispettivament minn dawk ic-cirkostanzi msemmija fl-artikolu 575 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fis-segwenti istanzi:

(i) L-Artikolu 432(1) jipprovdi li imputat jew akkuzat ikun intitolat li jinghata l-helsien mill-arrest irrelevanti mic-cirkostanzi tal-kaz, fil-kaz li l-Avukat General ikollu bzonn estensjoni sabiex jintavola l-Att tal-Akkuza u, ghal xi raguni, dan iz-zmien itwal jaqbez erbghin jum u;

(ii) L-Artikolu 575(6)(a)(iii) jipprovdi li, fi kwalunkwe kaz, persuna ghandha tinghata l-helsien mill-arrest taht garanzija jekk ikunu skadew, fic-cirkostanzi tal-kaz in kwistjoni, ghoxrin xahar f’kaz ta’ delitt suggett ghall-piena ta’ prigunerija ta’ disa’ snin jew aktar.

Effettivament, mill-atti processwali tal-kaz odjern, ma jirrizultax li dawn ‘l-eccezzjonijiet ghar-regola’ jew xi wahda minnhom b’xi mod skattaw u kwindi sa dan l-istadju l-ghoti tal-helsien mill-arrest o meno ghandu jigi regolat skond id-dicitura tal-artikolu 575 tal-Kap. 9.

In ottemperanza mad-digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti, l-esponent se jispjega r-ragunijiet ghaliex oppona ghall-helsien mill-arrest tar-rikorrent fir-rikorsi rispettivi u b’mod kronologiku:

(i) Illi fir-rigward tar-rikors ghall-helsien mill-arrest intavolat quddiem il-Qorti Istruttorja fit-18 ta’ April 2011, l-esponent kien ta bhala raguni li kien ghad fadal xhieda pajzana kif ukoll in-natura gravi tal-akkuzi abbinati mas-serjeta’ tac-cirkostanzi tal-kaz.

(ii) Illi fir-rigward tar-rikors ghall-helsien mill-arrest intavolat quddiem il-Qorti Istruttorja fis-6 ta’ Gunju 2011, l-esponent kien ta bhala raguni li kien ghad fadal xhieda pajzana kif ukoll in-natura gravi tal-akkuzi abbinati mas-serjeta’ tac-cirkostanzi tal-kaz; kif ukoll in-natura tax-xoghol tal-imputat li kien jirrikjedi li hu jsiefer b’mod regolari u ghalhekk hemm il-biza’ li hu jahrab minn Malta. Fil-fatt, jirrizulta mix-xhieda migbura fil-kaz in kwistjoni, li r-rikorrent ghamel uzu min-negozju tieghu sabiex jimporta d-droga f’Malta u dan il-fatt gie trattat ukoll quddiem il-Qorti kkoncernata meta l-ghoti tal-helsien mill-arrest kien qed jigi dibattut. Illi mill-fatti tal-kaz irrizulta li r-rikorrent ghandu l-kuntatti fl-Ingilterra u kien jaghmel in-negozju barra minn Malta. Inoltre, a kuntrarju ta’ dak li qed jigi allegat fir-rikors in risposta, din kienet it-tieni u l-ahhar darba li l-esponent ta bhala raguni li kien ghad fadal xhieda pajzana u dan peress li sussegwentement dan l-

istat ta’ fatt ma kienx jirrizulta (mhux sempliciment bhala risposta *standard* tal-Avukat Generali).

(iii) Illi fir-rigward tar-rikors ghall-helsien mill-arrest intavolat fit-30 ta’ Gunju 2011 quddiem il-Qorti Kriminali, l-esponent kien ta bhala raguni n-natura gravi tal-akkuzi abbinati mas-serjeta’ tac-cirkostanzi tal-kaz; kif ukoll in-natura tax-xoghol tal-imputat li kien jirrikjedi li hu jsiefer b’mod regolari u ghalhekk hemm il-biza’ li hu jahrab minn Malta. Fil-fatt jirrizulta mix-xhieda migbura li r-rikorrent kellu negozjati max-xhud Roderick Grech li hu bbazat fl-Ingilterra u li tela’ jixhed dwar dan fil-kors tal-kumpilazzjoni ukoll.

(iv) Illi fir-rigward tar-rikors ghall-helsien mill-arrest intavolat fit-28 ta’ Lulju 2011 quddiem il-Qorti Istruttorja, l-esponent kien ta bhala raguni n-natura gravi tal-akkuzit abbinati mas-serjeta’ tac-cirkostanzi tal-kaz, kif ukoll in-natura tax-xoghol tal-imputat li kien jirrikjedi li hu jsiefer b’mod regolari u ghalhekk hemm il-biza’ li hu jahrab minn Malta stante li c-cirkostanzi tar-rikorrent ma nbiddlux mill-ahhar talba ghall-helsien mill-arrest tieghu.

(v) Illi fir-rigward tar-rikors ghall-helsien mill-arrest intavolat fid-19 ta’ Awissu 2011 quddiem il-Qorti Kriminali, l-esponent kien ta bhala raguni n-natura gravi tal-akkuzi abbinati mas-serjeta’ tac-cirkostanzi tal-kaz; kif ukoll in-natura tax-xoghol tal-imputat li kien jirrikjedi li hu jsiefer b’mod regolari u ghalhekk hemm il-biza’ li hu jahrab minn Malta stante li c-cirkostanzi tar-rikorrent ma nbiddlux.

Inoltre, l-esponent irrileva ukoll li l-fatt wahdu li ko-akkuzat inghata l-helsien mill-arrest ma jaghtux dritt awtomatiku ghall-ghoti ghall-helsien mill-arrest lill-ko-akkuzat l-iehor li jkun mixli fl-istess kaz u dan peress li c-cirkostanzi ta’ akkuzat wiehed mhux necessarjament ikunu identici ghall-iehor.

(vi) Illi fir-rigward tar-rikors ghall-helsien mill-arrest intavolat fit-12 ta’ Settembru 2011 quddiem il-Qorti Istruttorja, l-esponent kien ta bhala raguni n-natura gravi tal-akkuzi abbinati mas-serjeta’ tac-cirkostanzi tal-kaz; kif

ukoll in-natura tax-xoghol tal-imputat li kien jirrikjedi li hu jsiefer b'mod regolari u ghalhekk hemm il-biza' li hu jahrab minn Malta stante li c-cirkostanzi tar-rikorrent ma nbiddlux.

(vii) Illi fir-rigward tal-ahhar rikors ghall-helsien mill-arrest intavolat fl-20 ta' Settembru 2011 quddiem il-Qorti Kriminali, l-esponent kien ta bhala raguni n-natura gravi tal-akkuzi abbinati mas-serjeta' tac-cirkostanzi tal-kaz; kif ukoll in-natura tax-xoghol tal-imputat li kien jirrikjedi li hu jsiefer b'mod regolari u ghalhekk hemm il-biza' li hu jahrab minn Malta stante li c-cirkostanzi tar-rikorrent ma nbiddlux.

Inoltre, l-esponent irrileva ukoll il-fatt li ko-akkuzat inghata l-helsien mill-arrest ma jaghtix dritt awtomatiku ghall-ghoti ghall-helsien mill-arrest lill-ko-akkuzat l-iehor li jkun mixli fl-istess kaz u dan peress li c-cirkostanzi ta' akkuzat wiehed mhux necessarjament ikunu identici ghall-iehor.

Bir-rispett dovut, ir-rikorrenti ma jistax jippretendi li ladarba l-ko-akkuzat fl-istess kaz inghata l-helsien mill-arrest, allura l-Qorti kompetenti, ghandha awtomatikament taghtih il-beneficcju ghall-helsien mill-arrest. Fil-fatt, il-fedina penali tal-ko-akkuzat (li hi minima) ma tikkomparax mal-fedina penali tieghu li hi mizghuda minn offizi kontra l-buon ordni b'vjolenza kontra Membri tal-Korp tal-Pulizija. Illi dan l-argument tad-Difiza ukoll ma jreggix stante li l-fatt li r-rikorrent ripetutament ikkommetta u instab hati ta' vjolenza fil-konfront ta' Ufficjali tal-Pulizija jindika li r-rikorrent m'ghandux rispett lejn l-awtorita' legittima. Illi mill-banda l-ohra, il-fedina penali tal-ko-akkuzat ma taghtix l-istess impressjoni hazina, apparti li l-ko-akkuzat ma kienx jiggestixxi n-negozju u ma jidhirx li kellu kuntatti ma' barra.

Illi l-esponent jirrileva li l-lanzjani tar-rikorrent huma insostenibbli stante li huwa principju legali assodat li l-Qrati kompetenti u mhux l-esponent, iridu jaccertaw ruhhom u jkunu sodisfatti li r-rikorrent mhux se jipprova jintralcja l-andament tal-gustizzja jew jevadi ghal kollox lill-istess gustizzja a bazi tac-cirkostanzi personali tieghu kif

ukoll in vista tac-cirkostanzi tal-kaz u l-gravita' tal-istess li jirrizultaw mill-provi li jezistu fl-atti processwali. Illi m'hemmx ghalfejn li jkun hemm prova assoluta li r-rikorrent jista' jikser il-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest. Izda l-Qorti trid tara riskju reali. F'dan ir-rigward, l-esponent jirrileva li l-oneru tal-prova sabiex jissodisfa lill-Qorti kompetenti li r-rikorrent ghandu jinghata l-helsien mill-arrest ai termini tal-kriterji kif stipulati fl-Artikolu 575 tal-Kap. 9 huwa certament fuq ir-rikorrent u mhux fuq il-Prosekuzzjoni, kif qed jigi allegat. Illi jidher car mid-digrieti tal-Qrati rispettivi li l-ebda Qorti kompetenti fic-cirkostanzi tar-rikorrent ma kienet sodisfatta li r-rikorrent kien idoneu sabiex jiggarantixxi, li jekk jinghata l-helsien mill-arrest huwa kien se jsegwi l-ordnijiet tal-Qorti u kien se jidher ghall-process u li ma kienx se jipprova jintralcja jew jevadi l-gustizzja, u dan kollu a bazi tar-ragunijiet esposti fid-diversi risposti u trattazzjonijiet tal-prosekuzzjoni u tal-Avukat Generali f'dan il-kaz.

Illi fir-rigward tal-argument tar-rikorrent li ghandu familja hawn Malta, u ghalhekk hemm inqas ragunijiet li jimmilitaw kontra tali beneficcju ghall-helsien mill-arrest, l-esponent jirribatti li certament dan l-argument m'huwiex accettabbli stante l-fatt li ghandu familja, tista' tkun ukoll raguni in piu' sabiex ir-rikorrent jipprova jintralcja l-andament tal-gustizzja jew sahansitra jipprova jevadi tali gustizzja ghal kollox. Illi dan il-fatt li l-akkuzat ghandu familja certament mhux kontemplat fl-Artikolu 575 tal-Kodici Kriminali u dan il-fatt ma jfissirx li l-akkuzat ma jikkontemplax li jahrab okkorrendo anke bil-familja b'kollox, specjalment tenut kont (i) ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz inkluz in-natura serja u l-gravita' tar-reati li bihom huwa jinsab akkuzat, u (ii) il-karattru refrettarju tieghu jispikka mill-fedina penali tal-istess in bazi ghall-ghemil passat tal-istess rikorrent b'offizi ta' vjolenza kontra l-Pulizija u (iii) l-gherfien li jekk kellu jinstab hati tal-akkuzi migjuba kontrih ikun ser jiffaccja sentenza ta' prigunerija fit-tul. Effettivament jirrizulta li r-rikorrent ma offriex affidabilita' sufficjenti li jsegwi rigorozament ir-rekwiziti tal-Artikolu 575 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fir-rigward tal-argument tar-rikorrent li ladarba xehdu x-xhieda pajzana fl-istadju tal-kumpilazzjoni mhux il-kaz li r-rikorrent jista' jintralcja kwalsiasi provi migbura u kumpilati mhix sostenibbli lanqas stante li r-rikorrent xorta wahda jista' jipprova jintralcja l-amministrazzjoni tal-gustizzja fl-istadji pendenti tal-kors tal-proceduri kriminali u dan indipendentement mill-fatt li x-xhieda pajzana kollha xehdu. Illi l-fatt li r-rikorrent ma jaqbilx mar-ragunijiet moghtija mill-Qrati kompetenti ma jfissirx li l-arrest tar-rikorrent huwa llegali.

Illi ghalhekk huwa car li tenut kont tal-gravita' tal-akkuzi u tal-komplessita' tal-kaz in ezami, il-piena li tali akkuzi jgorru maghhom u l-periklu li r-rikorrent jintralcja l-amministrazzjoni tal-gustizzja jew sahansitra jizvija lill-gustizzja ma jirrizultaw fl-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif allegat fir-rikors promotur.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-rikors promotur bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea; bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Rat l-atti tal-process kriminali tal-kawza pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta);

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi r-rikorrent f'dan il-kaz tressaq taht arrest fit-3 ta' Marzu 2011 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, akkuzat b'reati konnessi mad-droga. Diversi drabi talab il-liberta' provizorja, pero' kull darba, it-talba tieghu giet michuda. Ir-rikorrent ressaq erba' talbiet ghall-helsien mill-arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati, u tlieta jew erba' talbiet ohra quddiem il-Qorti Kriminali. Ir-

ragunijiet principali ghala tali talba kienet qed tigi michuda kien il-biza' li hu jahrab minn Malta u s-serjeta' tac-cirkostanzi tal-kaz. Ir-rikorrenti qed jigi akkuzat li assoccja ruhu ma' persuni residenti barra minn Malta fl-importazzjoni tad-droga, u peress li, allura jinghad li ghandu kuntatti barra minn Malta, jidher li hemm biza' li r-rikorrent jahrab minn Malta peress li hemm min jghinu jaghmel dan mill-esteru. Jinghad ukoll li r-rikorrent ma jaghtix affidament li, jekk jinghata l-helsien mill-arrest preventiv, ma jikkommettix reat iehor.

Trattat il-kaz, il-Qorti tara illi l-artikolu 5(3) tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi illi:

"*Kull min ikun arrestat jew detenut skond id-dispozizzjonijiet tal-paragrafu (1) (c) ta' dan l-Artikolu ghandu jingieb minnufih quddiem imhallef jew funzjonarju iehor awtorizzat b'ligi biex jezercita setgha gudizzjarja u jkollu dritt ghall-proceduri fi zmien ragjonevoli jew ghall-helsien waqt pendenza tal-proceduri. Il-helsien jista' jkun taht kundizzjoni ta' garanziji biex jidher ghall-proceduri.*"

L-artikolu 574 tal-Kodici Kriminali jipprovdi ghall-helsien mill-arrest:

"*Meta huwa jaghti garanzija tajba li jidher ghal kull att tal-process fiz-zmien u fil-post li jigu lilu ordnati taht dawk il-kondizzjonijiet li l-Qorti jkun jidhrilha xieraq li timponi fid-digriet li jaghti l-helsien mill-arrest, liema digriet ghandu, f'kull kaz jigi notifikat lill-imputat jew akkuzat.*"

Issa, ma hemmx dubju li skond il-Kodici Kriminali, sia meta si tratta ta' delitt kontra s-sigurta' tal-Gvern jew delitt li jgib mieghu l-piena ta' prigunerija ghal ghomru <u>u sia meta si tratta ta' kwalsiasi reat iehor</u>, il-Qorti ta' Gustizzja Kriminali li tkun hija obbligata li tassigura li, jekk takkorda l-helsien mill-arrest, ma jkunx hemm il-perikoli ravizzatik fil-paragrafi (a) sa (e) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 575 tal-Kap. 9. Dawn il-perikoli huma li l-akkuzat jew imputat (a) "*jonqos li jidher ghall-ordni tal-awtorita' imsemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija*", (b) "*jinheba jew jitlaq minn Malta*", (c) "*ma josservax xi kundizzjoni li l-Qorti jkun*

*jidhrilha xieraq li timponi fl-obbligazzjoni tal-garanzija*", (d) "*jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'xi mod iehor jintralcja jew jipprova jintralcja l-kors tal-gustizzja fir-rigward tieghu jew xi persuna ohra*", u (e) "*jikkommetti xi reat iehor*". Huwa proprju ghalhekk li Qorti ta' Gustizzja Kriminali tista', meta takkorda l-helsien mill-arrest, timponi kundizzjonijiet ohra oltre l-garanzija (fil-forma ta' plegg tajjeb li jobbliga ruhu bil-miktub ghas-somma stabbilita, jew fil-forma tad-depozitu ta' dik is-somma jew depozitu ta' rahan li jiswa' daqsha, jew fil-forma tal-obbligazzjoni personali tal-imputat – Art. 577) li l-imputat jew akkuzat jidher ghal kull att tal-process fiz-zmien u fil-post li jigu ordnati lilu.

Ma jistax jinghad pero', li dawn l-artikoli jilledu xi drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif garantit fl-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea. Kif osservat l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Aquilina et vs Avukat Generali", deciza fl-1 ta' Gunju 2007, "*Ghalkemm huwa minnu li dana l-Artikolu (artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni) meta jirreferi ghall-helsien waqt pendenza ta' proceduri, jghid "il-helsien jista' jkun taht kondizzjoni ta' garanzija biex [l-arrestat jew detenut] jidher ghall-proceduri", dana ma jfissirx li huma biss dawn il-kondizzjonijiet, cioe' dawk intizi biex jassiguraw li l-imputat jew akkuzat jidher ghall-proceduri, li jistghu jigu imposti. Dan hu evidenti anke mill-istess gurisprudenza tal-Qorti Ewropea. In fatti, fost ir-relevant and sufficient grounds li dik il-Qorti accettat bhala li jistghu jiggustifikaw li persuna akkuzata b'reat tibqa' arrestata, ghall-anqas ghal certu zmien, bla ma tinghata bail hemm is-segwenti: (i) the seriousness of the alleged offences and the strength of suspicion; (ii) protection of public order; (iii) risk of pressure on witnesses or collusion with co-accused; (iv) risk of repetition of offences; u (v) danger of absconding. Meta jkun hemm xi wahda minn dawn ic-cirkostanzi li jiggustifikaw, anke jekk biss ghal certu zmien, ir-rifjut tal-ghoti tal-helsien mill-arrest, jekk dak il-perikolu jew riskju jkun jista' jigi mxejjen jew ghall-anqas minimizzat b'xi kundizzjoni (li allura ma tkunx kundizzjoni li tassigura biss id-dehra tal-akkuzat jew imputat) imposta mal-ghoti tal-helsien, tali helsien ghandu jinghata b'dik il-kundizzjoni, u dan proprju in omagg ghall-principju tal-*

*liberta' tal-persuna. Li wiehed jargumenta bil-kontra – kif qed jaghmlu l-appellanti – ikun ifisser li fejn Qorti tista' taghti l-helsien taht kundizzjoni jew kundizzjonijiet bhal dawn, hija ma taghtix il-helsien ghax il-kundizzjoni ma tkunx wahda biex dak li jkun "jidher ghall-proceduri"*.

Kwindi, kundizzjonijiet li ma jkunux marbuta direttament mal-obbligu tal-akkuzat li "*jidher ghall-proceduri*" ghandhom jitqiesu validi sakemm dawn ikunu ragjonevoli u mehtiega, u ma jkunux tali li jistghu jwasslu ghac-cahda lir-rikorrent mid-dritt tieghu ghall-helsien mill-arrest, b'mod li d-detenzjoni kontinwa tieghu tkun tista' titqies inumama, u mhux f'lokha (ara dak li osservat *obitir* din il-Qorti fil-kawza "Karfus vs Kummissarju tal-Pulizija et", deciza fis-27 ta' April 2006).

Fil-fatt mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, johrog car li meta Qorti tikkunsidra taghtix il-helsien mill-arrest lill-akkuzat, trid tqis diversi fatturi. Fil-kaz "Kubicz vs Poland", deciza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (ECHR) fit-28 ta' Gunju 2006, intqal li:

"*The question whether a period of detention is reasonable cannot be assessed in the abstract but must be considered in each case according to its special features. Continued detention can be justified in a given case only if there are specific indications of a genuine requirement of public interest which, notwithstanding the presumption of innocence, outweighs the rule of respect for individual liberty laid down in Article 5 of the Convention.*"

L-istess Qorti Ewropea, f'diversi sentenzi ohra, qieset diversi cirkostanzi li jistghu jew ma jistghux jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex almenu, ghal certu zmien, l-akkuzat jiccahhad mill-helsien mill-arrest. Hekk intqal:

*(i) "the matter of when the trial or, in the present case, re-trial will occur is not a relevant reason for the purpose of Article 5(3)" – "Gault vs The United Kingdom", ECHR, 20 ta' Novembru 2007;*

*(ii) "the suspicion against the applicant of having committed serious offences could have initially warranted his detention ... The Gravity of the charges cannot by itself serve to justify long periods of detention on remand" – "Panchenko vs Russia", ECHR, 8 ta' Mejju 2005;*

*(iii) "the persistence of reasonable suspicion is a condition sine qua non for the lawfulness of the continued detention, but after a certain lapse of time it no longer sufficies" – "Gault vs The United Kingdom", ECHR, 20 ta' Novembru 2007;*

*(iv) "the severity of the sentence faced is a relevant element in the assessment of the risk of absconding or re-offending" – "Ilijkov vs Bulgaria", ECHR, 26 ta' Lulju 2001;*

*(v) "The Court accepts that a genuine risk of pressure being brought to bear on the witness may have existed initially, but takes the view that it diminished and indeed disappeared with the passing of time" – "Lettellier vs France", ECHR, 26 ta' Gunju 1991;*

*(vi) "The Court points out that such a danger (of absconding) cannot be gauged solely on the basis of the severity of the sentence risked. It must be assessed with reference to a number of other relevant factors which may either confirm the existence of a danger of absconding or make it appear so slight that it cannot justify detention pending trial" – "Lettellier vs France", ECHR, 26 ta' Gunju 1991;*

*(vii) The Court accepts that, by reason of their particular gravity and public reaction to them, certain offences may give rise to a social disturbance capable of justifying pre-trial detention, at least for a time. In exceptional circumstances, this factor may therefore be taken into account for the purposes of the Convention, in any event in so far as domestic law recognizes the notion of disturbance to public ordercaused by an offence" – "Lettellier vs France", ECHR, 26 ta' Gunju 1991*.

Wara li jghaddi certu zmien, il-Qorti trid tara kif tipprovdi ghall-helsien mill-arrest, izda dan mhux necessarjament ikun inkundizzjonat. Darba cioe' li l-Qorti kompetenti, wara li tqis dawn il-kriterji u specjalment wara li jghaddi certu zmien minn fuq l-arrest, tara li ghandha tipprovdi ghall-helsien mill-arrest, tista' tasal biex timponi kundizzjonijiet biex tissalvagwardja kontra l-istess perikli aktar qabel ikkunsidrati. Dan intqal mhux biss mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Aquilina vs Avukat Generali", aktar qabel indikati, izda anke mill-istess Qorti Ewropea. Hekk, fil-kaz "Kubicz vs Poland", ukoll aktar qabel imsemmija, gie osservat hekk fil-kuntest tal-Qrati Polakki li jichdu talbiet ghall-helsien mill-arrest:

"*The Court would note that during the entire period of the applicant's pre-trial detention, and despite his repeated applications for release, the authorities did not consider the possibility of imposing on him other preventive measures, such as bail or police supervision – expressly foreseen by Polish law to secure the proper conduct of criminal proceedings.*"

Il-"*proper conduct of criminal proceedings*", ma jirreferux biss ghad-dehra tal-akkuzat quddiem il-Qorti li tkun qed tistharreg il-kaz tieghu, izda ghal kwalunkwe interferenza fil-process kriminali kollu, u l-Qorti ghandha dritt tikkawtela f'dan is-sens. Ma jistax jinghad, kwindi, li l-artikoli tal-Kodici Kriminali invokati b'xi mod jilledu d-drittijiet tar-rikorrenti kif garantiti bl-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Il-"*preventive measures*" iridu, pero', ikunu dejjem ragjonevoli u "*necessary in a democratic society*" – "Labita vs Italy", ECHR, 6 ta' April 2000. Issa, f'dan il-kaz, ir-rikorrent gie ghal diversi drabi mcahhad mil-liberta' provizorja u din il-Qorti, meta tqis il-gravita' tal-akkuza (spacc ta' droga), is-severita' tas-sentenza li qed jirriskja r-rikorrent, u l-interess pubbliku, ma tarax li din ic-cahda temporanja kienet, sa issa, wahda irragjonevoli jew mhux mehtiega f'pajjiz demokratiku.

Intqal "sa issa" peress li, skond l-istess duttrina, aktar ma jghaddi z-zmien, aktar ikun impellenti li l-akkuzat jinghata l-helsien mill-arrest. F'dan il-kaz, saret dikjarazzjoni mill-Pulizija prosekutrici li ma fadlilhiex xhieda pajzana x'jixhdu, u dana fid-29 ta' Lulju 2011, u issa, meta tqis li r-rikorrent ilu ga tmien xhur taht arrest preventiv, ma tarax li ghad hemm cirkostanzi gravi u impellenti li ghandhom icahhdu lir-rikorrent mil-liberta' provizorja. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem osservat, aktar minn darba, li l-gravita' tal-akkuza ma tistax wahedha tiggustifika perjodi twal ta' detenzjoni, multo magis f'dan il-kaz fejn il-ko-akkuzat inghata l-helsien mill-arrest.

Minn dak li ngieb a konjizzjoni tal-Qorti, ma jidhirx li l-bezat tal-prosekuzzjoni ma jistghux jigu, sa certu punt, kawtelati. Ovvjament, tibqa' dejjem il-possibilita' li dak li jkun jisgicca minn taht idejn l-awtoritajiet, pero', dan ir-riskju meta jitqieghed f'bilanc mad-dritt ta' persuna ghal-liberta' taghha jidghajjef wara certu zmien. Il-passagg taz-zmien, fil-fatt, idghajjef hafna mill-konsiderazzjonijiet li s-soltu jwasslu ghal cahda ta' liberta' provizorja.

Din il-Qorti tara li issa wasal iz-zmien li t-talba tar-rikorrenti tigi kkunsidrata f'dawl gdid, u sakemm ma jinqalghux cirkostanzi godda li jaghtu lok ghall-biza' gdid u impellenti ta' interferenza fil-process, l-akkuzat ghandu jinghata l-helsien mill-arrest, taht dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti kompetenti jidhrilha opportuni biex jigu salvagwardati l-interessi tal-gustizzja. Mhux kompitu ta' din il-Qorti tiffissa hi l-kundizzjonijiet ghal-liberta' provizorja, ghax din hi materja li tidhol fil-kompetenza tal-qrati kriminali. Dawn il-kundizzjonijiet, pero', ma ghandhomx iwasslu biex fil-verita', jekk mhux fil-forma, jigi mxekkel id-dritt tal-akkuzat ghall-helsien mill-arrest.

Din il-Qorti, ghalhekk sejra tqis li lill-akkuzat gew lezi d-dritt tieghu ghall-helsien mill-arrest gheluq it-tmien xahar mill-arrest tieghu (3 ta' Novembru 2011), izda mhux se tipprovdi ghall-hlas ta' kumpens remuneratorju, ghax tara li d-dikjarazzjoni ta' ksur, u l-ordni li se taghti huma bizzejjed "just satisfaction" ghar-rikorrent.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti, billi tiddikjara li biz-zamma taht arrest preventiv tar-rikorrent minn wara t-3 ta’ Novembru 2011, gie lez id-dritt tieghu sancit fl-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-drittijiet tal-Bniedem, u tordna lill-Qorti Kriminali kompetenti li, wara li ssirilha talba ghall-helsien mill-arrest mill-akkuzat tipprovdi favorevolment ghaliha taht dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha opportuni fl-interess tal-gustizzja.

L-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------